Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 57

Data tal-laqgħa: 19 ta` Diċembru 2018

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku (wasal fl-4.12pm)
Daniel Muscat Caruana – Kunsillier (wasal fl-4.10pm)
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier (wasal fl-4.17pm)
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Il-laqgħa bdiet fl-4.10 ta` filgħaxija minħabba nuqqas ta` *quorum*. Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 57.1 Qari tal-ittri ta` apoloġiji

57.1.1 Ma kienx hemm ittri ta` apoloġiji.

## 57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 56

57.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tas-Sitta u Ħamsin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

57.2.2 Il-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 57.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

57.3.1 <u>Para 56.6.1 – Tender għas-servizz ta` ġbir ta` skart – BLC 06/2018</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill lis-sejħa għall-offerti ġiet maħruġa bis-sistema tal-ePPS u s-sottomissjonijiet se jagħlqu fil-11 ta` Jannar 2019.

## 57.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

57.4.1 <u>Karozzi vandalizzati fi Triq Sisner</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li diversi residenti qed isibu l-karozzi vandalizzati fi Triq Sisner. Resident fl-akwati qiegħed *camera* fil-karozza tiegħu u qabad persuna li toqgħod fi Triq Sisner tivvandalizza l-karozza tiegħu. Ir-resident ħa passi legali kontra din il-persuna, fejn din il-persuna ammetiet l-akkuża.

**F`dan il-ħin (4.12pm) daħal il-Viċi Sindku Andre` Grech għal-laqgħa.**

57.4.2 Is-Sindku qal li mid-dehra, il-problema hi dwar il-parkeġġ, għax din il-persuna qed tgħid li l-*yellow lines* mal-ġenb tal-garaxx tiegħu kienu saru ħażin għax qal li ġew għar milli kienu. Is-SE qalet li l-*yellow lines* saru bl-approvazzjoni ta` TM. Is-SE ser issib il-korrispondenza kollha li hemm dwar it-talba għal *yellow lines* li kienet saret minn din il-persuna, biex naraw eżatt il-każ x`kien għax ilhu madwar sentejn.

**F`dan il-ħin (4.17pm) daħal il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` għal-laqgħa.**

## 57.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

57.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 57.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta` Rapporti

57.6.1.1 <u>*Draft Budget* 2019</u>
Id-*Draft Budget* għas-sena finanzjarja 2019 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuż). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE spjegat xi affarijiet lill-Kunsilliera. Peress li fis-sena 2019 ser jinbidel il-Kunsill, dan il-*budget* jista` jiġi emendat meta jiġi maħtur il-Kunsill ġdid.

57.6.1.2 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-allokazzjoni għall-Ħarġiet għall-Anzjani (*Community Services*) tiżdied minn €2,640 għal €4,000. Issuġġerixxa wkoll li l-Kunsill jalloka €1,440 oħra għat-tiżjin ta` toroq fil-Milied (*Social Events*). Il-Kunsill approva.

57.6.1.3 L-estimi, kif kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sindku, ġew approvati unanimament. Is-SE ser tippreżenta

kopja fil-*format* formali skont ir-regolamenti biex tiġi ffirmata waqt l-laqgħa li jmiss.

57.6.2.1 <u>Tender għas-servizz ta` *Accountant* u *Accounting Technician* – BLC 07/2018</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li hemm bżonn li tinħareġ sejħa għall-offerti għas-servizz ta` *Accountant* u *Accounting Technician* għaliex dan is-servizz dejjem kien qed jiġi offrut b`*Direct Order*. Is-SE qalet li ppreparat id-dokument għas-sejħa għall-offerti bir-referenza BLC 07/2018. Kopja tad-dokument ingħata lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

57.6.2.2 Dan id-dokument ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Is-SE se tibda l-proċess biex toħroġ is-sejħa għall-offerti.

57.6.2.3 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni se jkun magħmul minn dawn il-membri:
Segretarju: Is-SE, Doriette Farrugia
Chairperson: Il-Kunsillier Daniel Muscat Caruana
Evalwaturi: Is-Sindku, in-Nut. Ian Spiteri u l-Kunsilliera Desmond Zammit Marmara` u Joe Galea.

57.6.2.4 Il-Viċi Sindku Andre` Grech u l-uffiċjal eżekuttiv Mariella Casha se joqgħodu *Opening Staff*.

## 57.7 Ingaġġ ta` skrivan fuq bażi *full-time* minflok *part-time*

57.7.1 Is-SE infurmat li, għas-sejħa interna għal skrivan fuq bażi ta` *full-time,* applika l-iskrivan Lawrence Pace (li jaħdem fuq bażi ta` *part-time).*

57.7.2 Il-Kunsill unanimament approva l-ħatra ta` Lawrence Pace biex minn l-1 ta` Jannar 2019 jibda` jaħdem fuq bażi *full-time.* Il-Kunsill approva wkoll il-ħinijiet tax-xogħol (annessi – Dok 1) li se jkun qed jaħdem l-iskrivan.

## 57.8 Installazzjoni ta` *bike rack station* b`roti li jistgħu jinkrew

57.8.1 Wara li l-kumpanija *Nextbike Malta* kienu ġew infurmati li l-Kunsill kien approva li ssir l-applikazzjoni mal-Ministeru tal-Finanzi u kif ikun hemm il-konferma li l-ispiża ser tiġi rimborża, isir ix-xiri tal-*bike rack station,* id-Direttur Maniġerjali ta` *Nextbike Malta,* f`Settembru 2018, talab għall-approvazzjoni tal-Kunsill, fejn ippropona li l-kumpanija tinstalla l-*istation* Ċentrali fuq il-bankina ta` quddiem *Kola Store* fil-pjazza, għas-spejjeż tal-kumpanija f'dan l-istadju. Din se tagħti l-*feedback* meħtieġ, u l-kumpanija tkun tista` tiddeċiedi tespandix is-sistema b'aktar stazzjonijiet f'Ħal Balzan fil-futur.

57.8.2 Il-Kunsilliera m`approvawx li l-*bike rack station* tii nstalla fuq il-bankina quddiem *Kola Store*, għal fatt li din ser tostakola l-aċċess peress li l-post propost huwa maġenb *un/loading bay* li jintuża regolarment mill-ħwienet u l-Każini li hemm fl-akwati. Il-Kunsill kien identifika post alternattiv, li jinsab xorta fiċ-ċentru tar-raħal, li jinsab ftit metri `l bogħod. Dan il-post qiegħed fi Triq Ġuże Bonniċi (hemm daħla fuq il-bankina). L-*istation* tista` tiġi installata minflok il-bank.

57.8.3 *Nextbike Malta* ma qablux mal-post identifikat mill-Kunsill għal diversi raġunijiet. Id-Direttur Maniġerjali infurma lill-Kunsill li fil-prinċipju, l-approvazzjoni tal-Kunsill mhijiex meħtieġa peress li skond il-*Bike-Sharing Guidelines,* teħtieġ biss l-approvazzjoni tal-Kunsill fil-każ ta` dawk iż-żoni li ġew devoluti lill-Kunsill Lokali. Minkejja dan, l-*approach* tal-kumpanija huwa li jaħdmu u jiddiskutu mal-Kunsill. Qal ukoll li, jekk jeħlu f'dan il-proċess ta` diskussjoni, huma ser jipproċedu bil-ksib tal-approvazzjonijiet meħtieġa mid-Dipartiment tal-Artijiet u *Transport Malta.*

57.8.4 Il-Kunsill qal li dan l-għaġir huwa inaċċettabbli. Il-Kunsill insista li bl-ebda mod din il-*bike station* m`għandha tiġi installata quddiem *Kola Store.* Il-Kunsill jinsisti li din għandha tiġi installata fil-post indikat mill-Kunsill, fil-fatt il-Kunsill diġa` ressaq il-bank biex jagħmel spazju għal *bike station* .

## 57.9 Proġett ta` tisbiħ ta` toroq fil-qalba tar-raħal

57.9.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li, is-Sa Carla Ciscaldi mill-kumpanija EMCS Ltd (maħtura mir-Reġjun Ċentru biex tipprovdi s-servizz ta` espert estern għal taħriġ, sapport, identifikazzjoni ta` opportunitajiet fil-fondi tal-EU) iċċekkjat ma` diversi entitajiet, u qed tinfurma lill-Kunsill li, sfortunatament bħalissa m`hemmx skemi miftuħa

li nistgħu napplikaw għal xi tip ta` fondi biex isir dan il-proġett.

57.9.2 Il-Kunsill unanimament approva li għalissa għandhom jiġu ppreparati l-pjanti neċessarji għall-proġett ta` tisbiħ ta` toroq fil-qalba tar-raħal (Triq Sisner, Triq Idmejda, Triq l-Annunzjata, Triq Wiġi Ebejer, Triq il-Kbira, Triq il-Providenza u Triq it-Tliet Knejjes). L-ispiża għal dawn il-pjanti tammonta għal €3,304.00. Il-Kunsill approva wkoll li napplikaw għal permessi mal-*Planning Authority.* L-ispejjeż biex issir l-applikazzjoni mal-*Planning Authority* qed tiġi stmata li tammonta bejn €3,500 u €4,000. Dan biex meta jkun hemm xi skema għal Fondi Ewropej jew xi tip ta` fondi oħra miftuħa, il-Kunsill ikun jista` japplika immedjatament.

## 57.10 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

57.10.1 <u>Talba minn impjegat biex iġġedded xi *leave* għas-sena 2019</u>

Is-SE infurmat lill-Kunsill li rċeviet ittra mill-impjegat Lawrence Pace, fejn qed jitlob sabiex iġġedded 26 siegħa mill-*leave* ta` din is-sena għal 2019. Il-Kunsill approva unanimament.

57.10.2.1 <u>Ċirkulari AKL 2018/157 – *Group Health Insurance Policy Renewal* 2019</u>

Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2018/157 – *Group Health Insurance Policy Renewal* 2019 mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Id-Deputat SE infurmat li l-Kunsill għandu l-obbligu li jħallas din il-polza lill-ħaddiema klerikali u lill-Kunsilliera. Id-Deputat SE infurmat ukoll li l-ħaddiema li qegħdin fuq l-iskemi tal-CWSEF, RSSL u CIES huma wkoll eliġibli li jidħlu f'din il-polza tal-assigurazzjoni, b`approvazzjoni tal-Kunsill.

57.10.2.2 Il-Kunsill unanimament approva li jagħmel din il-polza lill-ħaddiema klerikali, lill-Kunsilliera u lit-tliet ħaddiema li qegħdin fuq l-iskemi assenjati mal-Kunsill. Is-Sindku qal li m`hemmx bżonn li jkun inkluż f`din il-polza. Is-SE ser tibgħat il-pagament minnufih peress li l-ħlas irid isir sat-28 ta` Diċembru 2018.

57.10.3 <u>Ċirkulari Numru SPI 10/2018 - Skema dwar Restawr ta` Postijiet / Monumenti Storiċi 2018</u>

Ġiet innutata *email* mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn il-Kunsill qed jiġi nfurmat li l-applikazzjoni biex tiġi rrestawrata l-istatwa ta` Santa Marija ma ġietx magħżula mal-ewwel ħamsa.

57.10.4.1 <u>*Concession for the separate collection of waste, paper, metal and glass from households from the locality of Ħal Balzan* – BLC 05/2018</u>

Wara lis-SE bagħtet id-dokument għall-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratt biex tkun tista` tibda l-proċess biex toħroġ is-sejħa, ġiet infurmata lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti), kien ilu li talab laqgħa mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jiġi stabbilit jekk din il-proċedura ta` akkwist għandhiex tiġi kklassifikata bħala konċessjoni u għalhekk għalissa d-DoC m`għandux joħroġ approvazzjonijiet.

57.10.4.2 F`dan ir-rigward, is-SE talbet direzzjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar kif għandha tipproċedi, peress li l-*agreement* preżenti jiskadi fil-05/02/2019, u għadha qed tistenna risposta.

57.10.5.1 <u>Ġbir ta` skart riċiklabbli</u>

Ġiet innutata r-risposta tal-*GreenPak* (annessa – Dok 2) dwar l-ilmenti ta` diversi residenti peress li l-ġbir ta` skart riċiklabbli qed isir tard filgħaxija minflok filgħodu.

57.10.6.1 <u>Talbiet għal permessi tan-*No Parking* mill-lukanda Corinthia Palace</u>

Peress li dawn it-talbiet qed isiru frekwenti, il-Kunsill qabel li tiġi riveduta l-*policy* li jagħti sa massimu ta` 3 *parking bays (policy* dwar riservar ta` parkeġġ f`każijiet ta` tiġijiet jew funerali).

57.10.6.2 Il-Kunsill approva *policy* ġdida dwar riservar ta` parkeġġ b`konnessjoni ma` attivitajiet:
Riservar sa massimu ta` 3 *parking bays*: €1.00c għal kull *parking bay* għal kull ġurnata;
Riservar ta` aktar minn 3 *parking bays*: €10.00c għal kull *parking bay* għal kull ġurnata.
NGOs ma jħallsux għal dawn it-tip ta` permessi.

57.10.6.3 Dan ikun suġġett għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. B`hekk jitnaqqas inkonvenjent li jista` jinħoloq għar-residenti tal-madwar.

57.10.7.1 <u>Talba biex titneħħa *parking bay* fi Triq iz-Zekkuk</u>

Resident qed jitlob li titneħħa *parking bay* li tinsab fuq ġewwa nett ta` Triq iz-Zekkuk u minflok issir *Keep Clear Bay,* għax meta jkun hemm vettura pparkjata fiha, qed jiġi ostakolat l-aċċess tal-garaxxijiet ta` *Orange Grove.*

57.10.7.2 Il-Kunsill innota li l-aċċess qed jiġi ostakolat meta vetturi jipparkjaw fuq id-*double yellow lines* li hemm mal-ġenb tal-garaxxijiet u mhux għax jipparkjaw fil-*parking bay* u għalhekk dan huwa każ ta` infurzar. Il-Pulizija, kif ukoll il-LESA ser jiġu nfurmati biex isir infurzar regolari.

57.10.7.3 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li titneħħa l-bankina li hemm taħt il-ħajt tas-sejjieħ, għax din qiegħda hemm għalxejn. Jekk din titneħħa, l-karozza jkunu jistgħu jipparkjaw aktar `il ġewwa, b`hekk ikun hemm aċċess aħjar għall-garaxxijiet. Il-Kunsill unanimament qabel li titneħħa l-bankina.

57.10.8.1 <u>Pellegrinaġġ madwar il-lokalita`</u>

Il-Parroċċa ta` Marija Annunzjata ser torganizza pellegrinaġġ bil-vara madwar il-lokalita` biex tiċċelebra 150 sena anniversarju mill-wasla tal-vara titulari. Dan il-pellegrinaġġ se jsir nhar il-Ħadd 24 ta` Marzu 2019 bejn id-9.00am u l-11.30am. F`dan ir-rigward qed jitolbu li jingħalqu t-toroq u jitneħħew il-karozzi minn fejn ser jgħaddi l-pellegrinaġġ.

57.10.8.2 Peress li ser jiġu affettwati ħafna toroq fil-lokalita`, il-Kunsill iddeċieda li ssir laqgħa bejn il-Kunsill, il-pulizija u l-Kumitat organizzattiv ta` din l-attivita` biex jiġu diskussi l-permessi li hemm bżonn li jinħarġu.

57.10.9.1 <u>Ostaklu tal-bankina quddiem Carolina`s</u>

Diversi residenti qed jilmentaw li qed jiġi ostakolat l-aċċess tal-bankina quddiem Carolina`s, dan għax qed ikun hemm *bowls* bl-ikel għall-klieb.

57.10.9.2 Il-Kunsill qal li mhux vera qed jiġi ostakolat l-aċċess. Il-problema li jista` jkun hemm ħamiem li jinżel għall-ikel. Il-Kunsill qal li din inizzjattiva tajba u għalhekk, ġie deċiż li ninfurmaw lis-sid li l-*bowls* għandhom jinħarġu biss meta jkun hemm il-klieb u mhux jitħallew barra il-ħin kollu.

57.10.10.1 <u>Proposta ta` tliet proġetti ambjentali għal Ħal Balzan</u>

Ġiet innutata proposta ta` tliet proġetti ambjentali mibgħuta minn resident. Il-Kunsillier inkarigat mill-Ambjent, Joe Galea, ser jiltaqa` mar-resident biex jiddiskuti l-proposti fid-dettal u jagħti *feedback* fil-laqgħa li jmiss.

57.10.11.1 <u>Ilmenti fuq dar inabitata fi Triq l-Annunzjata</u>

Resident li joqgħod bieb ma` bieb ma` dar inabitata fi Triq l-Annunzjata qed jilmenta li din id-dar tħalliet fi stat t`abbandun b'konsegwenza li meta tagħmel ix-xita, qed jidħlilhom l-ilma fil-garaxxijiet ta` taħt l-art. Il-Kunsill innota li din kwistjoni privata u li m`għandhux jidħol fiha.

57.10.11.2 Ir-resident qed jilmenta wkoll li qed ikun hemm ilma qiegħed fil-*pool* tal-istess dar. Dan qed iġib ħafna nemus. Il-Kunsill qabel li ngħaddu dan l-iment lis-Sanita`.

57.10.12 <u>Ikla tal-Milied</u>

Ġie deċiż li l-ikla tal-Milied għal din is-sena ssir fit-3 ta` Jannar 2019, filgħaxija fir-restaurant Fernando Gastrotheque.

## 57.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

57.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 12/18 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €23,911.87c, li tinkludi l-ammont ta` €81.31c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta` Novembru 2018. Ir-rendikont tal-Petty Cash jinsab mehmuż.

57.11.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Andre` Grech li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 57.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

57.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.40pm.

57.12.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 21 ta` Jannar 2019 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 21 ta` Jannar 2019.

**IFFIRMATA**

Nut. Ian Spiteri
Sindku

**IFFIRMATA**

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

DOK 1.

# Lawrence Pace

**Winter Working Hours**

| | | Break | Working Hours |
|---|---|---|---|
| Monday | 7.00am – 4.00pm | 15 minutes | 8.75 Hours |
| Tuesday | 7.00am – 4.00pm | 15 minutes | 8.75 Hours |
| Wednesday | 7.00am – 4.00pm | 15 minutes | 8.75 Hours |
| Thursday | 7.00am – 11.45am | - | 4.75 Hours |
| Friday | 7.00am – 4.00pm | 15 minutes | 8.75 Hours |
| Saturday | 7.45am – 11.45am | - | 4 Hours |
| **Total** | | | **43.75 Hours** |

**Summer Working Hours**

| | | Working Hours |
|---|---|---|
| Monday | 7.00am – 12.00pm | 5 Hours |
| Tuesday | 7.00am – 12.00pm | 5 Hours |
| Wednesday | 7.00am – 12.00pm | 5 Hours |
| Thursday | 7.00am – 12.00pm | 5 Hours |
| Friday | 7.00am – 1.00pm | 6 Hours |
| Saturday | 7.45am – 11.45am | 4 Hours |
| **Total** | | **30 Hours** |

DOK 2.

## Balzan Local Council at Local Councils

**From:** Daniel Tabone - GreenPak [Daniel@greenpak.com.mt]
**Sent:** 19 December 2018 09:29
**To:** Balzan Local Council at Local Councils
**Cc:** Support at GreenPak; ian@spiterinotaries.com
**Subject:** Refuse collection of Green/ Grey Bags - Balzan

Dear Lawrence

Trust this email finds you well.

With regards to your below query, kindly allow me to give you some background.

On the 22nd May 2017 the St Antnin Waste Management Facility burnt down, this is where all the collected green/grey bags used to be taken for further processing and eventual recycling. Due to this accident all trucks had to be diverted to the Malta North Facility situated in the Maghtab Environmental Complex. This has led to longer waiting times for unloading the grey/green bag when compared to delivering to Marsascala.

In addition, over the years material being collected from this collection system has been on the continuous increase. Following the introduction of the organic waste collection we also witnessed a drastic increase in material collected which required us to increase the number of trips carried out.

Thus, in view of the fact of increased trips coupled with the delays witnessed getting to and within the Maghtab Environmental Complex, has led to a later time by when the collection is concluded.

We have a meeting with WasteServ pertaining to the above to try and find a logistical solution. We will keep you updated accordingly

Regards
Daniel

Best regards,

**Daniel Tabone** BA (Hons) MSc Waste Management (TUoN-UK)
Senior Operations Manager

GREENPAK

**GreenPak Cooperative Society Ltd.**
18 St.John Street, Fgura FGR 1447, MALTA
Tel: (+356)21660233; Fax: (+356)21803434
email:daniel@greenpak.com.mt
web: www.greenpak.com.mt

Founding member of Expra

*Please like our facebook page: https://www.facebook.com/GreenPakMalta*

Before printing this email, think if it is necessary to do so. Think Green.
*The information transmitted in this message is intended only for the person or entity to which it is addressed and may contain confidential and/or privileged material. Any review, retransmission, dissemination or other use of, or taking of any action in reliance upon, this information by persons or entities other than the intended recipient is prohibited. If you receive this in error, please contact the sender and delete the material from any computer.*

**From:** Balzan Local Council at Local Councils <balzan.lc@gov.mt>
**Sent:** Thursday, November 29, 2018 9:10 AM
**To:** Support at GreenPak <support@greenpak.com.mt>
**Subject:** Refuse collection of Green/ Grey Bags - Balzan

**Dear Sir,**

**Residents of Balzan from various streets are complaining that the above refuse is being collected very late in the evening .**

**We have carried out site inspections and in certain streets this refuse remained uncollected at least till 5.30pm. Since these refuse bags are very light, the matter is further complicated during windy days with refuse bags scattered in the middle of the roads.**

**This is unacceptable bearing in mind that collection should start at 8.00 am. Please take up the matter with the contractor, to ensure that in future this refuse is collected early morning, in line with the conditions of the contract .**

**Please provide us with feedback as soon as possible**

Regards,

**Lawrence Pace**
Customer Care
Ħal Balzan Local Council

Tel: [+356] 21442323

7/9 Dun Spir Sammut Street, Ħal Balzan
http://www.balzan.gov.mt http://www.lc.gov.mt

Office Hours:
Winter: Monday - Friday: 8.00am - 11.30am & 1.30pm - 3.30pm
Saturday: 8.00am - 11.30am
Summer: Monday - Saturday: 8.00am - 11.30am

Disclaimer:

The information in this e-mail and any of its attachments is strictly confidential and intended solely for the person or organisation to whom it is addressed. Access to this email by anyone else is unauthorised. If you are not the intended recipient, you must not copy or distribute it or take action in reliance on it. If you have received this e-mail in error, please notify the sender as soon as possible. Communication via e-mail over the internet is not secure and messages may be read, manipulated or otherwise compromised by third parties. Balzan Local Council does not accept any responsibility in this eventuality.